2.3 If the selected candidate is a public officer in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Media Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The position of Media Officer with the Ministry for Investment, Industry and Information Technology attracts a salary equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm 8,081 per annum). In the case that the selected candidate is already a public officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The Media Officer shall work under the direction and instructions of the Permanent Secretary of the Ministry for Investment, Industry and Information Technology and will at all times be answerable to, and give account of his/her work to the Permanent Secretary, of the Ministry for Investment, Industry and Information Technology. The Media Officer shall be responsible, inter alia, for the following tasks:

a) tieħu sehem attiv fil-livelli kollha, fil-ħolqien u t-tħaddim ta' l-istrateġija tal-komunikazzjoni tal-Ministeru u fl-aġġornament ta' l-istrateġija, minn żmien għal żmien, b'inizjattivi ġodda, skond il-bżonn;

a) participate actively and at all levels, in the formulation and implementation of communications strategy of the Ministry and in updating such strategy, from time to time with new initiatives, as may be necessary;

b) tkun responsabbli għall-kuntatt bejn il-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni fuq naħa u l-mezzi tal-komunikazzjoni u l-aġenziji tar-relazzjonijiet pubbliċ u reklamar fuq in-naħa l-oħra, kemm lokalment u kemm barra minn Malta.

b) be responsible for contacts between the Ministry on the one hand and the media and public relations and advertising agencies, on the other, both local and abroad;

ċ) Tmexxi u taħdem b'rabta ma' mezzi ta' komunikazzjoni differenti, li jinkludu t-televiżjoni, ir-radju, il-mezzi mitbugħa u l-*internet*.

c) be in charge and carry out duties in connection with different media, including television, radio, the printed media and the internet;

d) Tmexxi u taħdem b'rabta ma' inizjattivi u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni.

d) be in charge and carry out duties in connection with public relations activities and initiatives of the Ministry.

e) Tassigura li s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni jkun infurmat kif jixraq dwar l-oqsma kollha ta' sustanza u tagħtih pariri infurmati fl-aspetti kollha ta' ħidmietha;

e) ensure that the Permanent Secretary to the Ministry for Investment, Industry and Information Technology is appropriately briefed on all issues of substance and to provide advice to him on all aspects of the officer's tasks based on an informed understanding of such tasks;

f) Tkun involuta b'mod wiesa' fix-xogħol tal-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment bi rwol attiv bħala membru ta' *team* fil-Ministeru.

f) generally be involved in the work of the Ministry and play an active role as a team member in the Ministry;

g) taħdem ma' uffiċjali oħra fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, fl-aspetti kollha ta' xogħolha u ta' xogħol l-uffiċjali l-oħra, inklużi l-impjegati mqabbda f'livelli oħra;

g) liaise with other officers in the Ministry in all respects of his/her work and that of other officers, including employees engaged at other levels;

h) issib, tifhem u tħaddem materjal ta' riċerka f'informazzjoni ċara u prattika biex jintuża mill-pubbliku, anke billi tagħmel traduzzjonijiet;

h) identify, absorb and transpose research material into simple and practical information to be made available to the public, including by means of translation;

i) tmexxi laqgħat mal-klijenti tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, fosthom ma' organizzazzjonijiet speċifiċi settorjali skond il-bżonn;

i) conduct meetings with Ministry's clients, including sector specific organisations as may be necessary;

j) tagħmel preżentazzjonijiet, tieħu sehem f'konferenzi jew f'inizjattivi oħra ta' informazzjoni, fosthom il-komunikazzjoni tagħhom, skond il-bżonn;

j) carry out presentations, participate in conference and other information initiatives, including the media, as may be necessary;

k) tirrapreżenta lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni f'kumitati oħra, laqgħat u entitajiet oħra skond il-bżonn;

k) represent the Permanent Secretary of the Ministry in other committees, meetings as may be necessary;

l) tagħmel dak ix-xogħol meħtieġ taħt id-direzzjoni u l-istruzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni.

1) carry out such other work as may be necessary under the direction and instructions of the Permanent Secretary of the Ministry.

4.2. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Media Officer* trid ukoll twettaq xogħol ieħor, skond id-direzzjoni jew l-istruzzjonijiet li minn żmien għal żmien jista' jagħtiha s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni. Fit-twettiq ta' dawn id-dmirijiet hawn fuq imsemmija, hi għandha taħdem b'mod diliġenti u leali fl-aħjar interess tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni.

4.3 Il-persuna magħżula tkun ukoll meħtieġa li tirrapreżenta lill-Ministeru lokalment u barra minn Malta.

5. L-applikanti għndhom ikunu:-

a) ċittadini ta' Malta;

b) ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università / Instutuzzjoni rikonoxxuta għall-għoti, *post-graduate degree* fl-Istudji tal-Komunikazzjoni jew kwalifika xierqa rikonoxxuta komparabbli kif ukoll ikollhom sena esperjenza ta' xogħol fil-qasam tal-komunikazzjoni;

JEW

ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università/ Instutuzzjoni rikonoxxuta għall-għoti ta', *first degree* fl-Istudji tal-Komunikazzjoni jew kwalifika xierqa rikonoxxuta komparabbli kif ukoll ikollhom tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol fil-qasam tal-komunikazzjoni;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà huma fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record Form* (GP47)); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-Kondotta mażruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji;

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li huma:

a) kapaċi jidentifikaw, jassorbu u jibdlu materjal ta' riċerka f'tagħrif sempliċi u prattiku li jkun aċċessibbli għall-pubbliku;

b) kapaċi jikkomunikaw u/jew li jkollhom marketing skills eċċellenti;

ċ) kapaċi jużaw il-kompjuter.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Sezzjoni 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilià), (Kap. 413), anke jekk ma

4.2. The Media Officer shall also carry out such other tasks as he/she may, from time to time, be directed and instructed by the Permanent Secretary of the Ministry for Investment, Industry and Information. In performing the above-listed tasks, the officer shall work diligently and loyally in the best interests of the Ministry.

4.3 The selected candidate will also be required to represent the Ministry locally and abroad.

5. Applicants must be:—

a) citizens of Malta;

b) in possession of, or have been approved by a recognised University/Institution for the award of a postgraduate degree in Communication Studies or an appropriate, comparable, recognised qualification, plus one year work experience in Communications;

OR

in possession of, or have been approved by a recognised University/Institution for the award of a first degree in Communication Studies or an appropriate, comparable, recognised qualification, plus three (3) years work experience in Communications;

c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants who are:

a) able to identify, absorb and transpose research material into simple and practical information to be made available to the public;

b) in possession of excellent communications and/or marketing skills;

c) computer literate.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even

jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċ eventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies minn ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar il-Servizz Pubbliku u esebit fuq in-*notice board* ta' l-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll, il-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għadhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.1 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

9.2 F'każ hekk, il-persuna magħżula tkun marbuta bil-kundizzjonijiet rilevanti tal-PSMC.

10. Il-persuna magħżula tkun mistennija taħdem ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu ħinijiet itwal.

11.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti originali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/ Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta*

if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the postition and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position;

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Office of the Permanent Secretary, Ministry for Information Technology and Investment, Palazzo Verderin, 111, Archbishop Street, Valletta, Malta;

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations;

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9.1 The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

9.2 In such a case the selected applicant will be bound by the relevant PSMC conditions.

10. The selected applicant will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

11.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates or testimonials (photocopies to be included with the applications, originals to be produced for verification at the interview).

11.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta

Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'kaz ta' ħrug ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-originali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fl-*agreement* għal Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/ għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi XIII/IX rispettivament tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* jista' jiġi aċċessat fuq il-website tal-*Management and Personnel Office* fuq:

http://www.mpo.gov.mt

13. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

14. L-applikazzjonijiet, flimkien ma'*Curriculum Vitae*, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta; sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, il-25 ta' Awissu, 2006.

15. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*;-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, Palazzo Verdelin, 111. Triq l-Arċisqof, Valletta.

16. L-applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awissu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni huwa +356-2123 6187

17. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni.

Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address at:

http://www.mpo.gov.mt

13. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

14. Applications, together with a curriculum vitae, indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry for Investment, Industry and Information Technology, Palazzo Verdelin, 111, Archbishop Street, Valletta, Malta by not later than noon of Friday, 25 August 2006.

15. Application forms may be downloaded from the following web sites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry for Investment, Industry and Information Technology, Palazzo Verdelin, 111, Archbishop Street, Valletta, Malta.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by Friday 25 August 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Office of the Permanent Secretary by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Office is +356-2123 6187

17. (a) applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Office of the Permanent Secretary and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikuni rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-28 ta' Lulju, 2006

(b) applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Office of the Permanent Secretary within seven days.

28th July, 2006

AWTORITÀ TA' L-ISTATISTIKA TA' MALTA

Post ta' Statistiku fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika

L-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta tgħarraf li tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Statistiku fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

2. Il-post ta' Statistiku hu wieħed ta' responsabbiltà għolja u jitlob minn min jokkupah integrità, dedikazzjoni u żvilupp professjonali kontinwu. Dan il-post joffri karriera ta' sodisfazzjoni għall-persuna adatta flimkien ma' prospetti tajbin għall-promozzjoni u salarju tajjeb.

3. Din in-nomina, li tkun soġġetta għal żmien bi prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* b' kuntratt ta' tliet snin, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra, u soġġetta għar-regoli u regolamenti li jiggvernaw minn żmien għal żmien l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' Statistiku jinkludu li:

(a) ifassal metodi u proċeduri biex tinġabar *data* statistika bħal *surveys*, esperimenti u kwestjonarji;
(b) ibassar riżultati, tendenzi u ħtiġiet billi juża għodda u mudelli statistiċi;
(ċ) isib fatturi li jaffettwaw ir-riżultati tar-riċerka;
(d)joħroġ differenzi bejn gruppi ta' data;
(e) jidentifika relazzjonijiet u tendenzi fid-data;
(f) juża kompjuters biex idaħħal data u biex jgħaqqad tabelli, *graphs* u *charts* ta' *data*;
(ġ) jiċċekkja *data* għall-ineżattezzi;
(ħ) jippreżenta riżultati ta' stħarriġ lill-klijenti;
(i) jikteb rapporti u jipprepara *data* għall-pubblikazzjoni;
(j) iforni *data* biex tintuża minn dawk li jfasslu politika;
(k) isegwi u jipparteċipa fi żviluppi ta' metodoloġija statistika internazzjonali;
(l) jipparteċipa u jikkontribwixi fir-riċerka.

5. L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

MALTA STATISTICS AUTHORITY

Post of Statistician at the National Statistics Office

The Malta Statistics Authority invites applications for the filling of the post of Statistician at the National Statistics Office.

2. The post of Statistician is a highly responsible one and demands integrity, commitment and continuous professional development on the part of the incumbent. The post also offers high job satisfaction for the right person with excellent promotion prospects and an attractive salary package.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and on a three-year contract which may be renewed for further periods. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with the Malta Statistics Authority.

4. The duties of a Statistician include:

(a) Designs methods and procedures of obtaining data such as surveys, experiments and questionnaires;
(b) Uses statistical techniques and models to forecast results, trends and needs;
(c) Finds factors that affect the results of research;
(d) Identifies differences between groups of data;
(e) Identifies relationships and trends in data;
(f) Uses computers to enter data and to compile and make tables, graphs and charts of data;
(g) Checks data for inaccuracies;
(h) Presents findings to clients;
(i) Writes reports and prepares data for publication;
(j) Provides data to help policy-makers;
(k) Follows and participates in international statistical methodological developments;
(l) Participates in and contributes to research work.

5. Applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

JEW

(iii) Ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-U.E. għall-moviment ħieles ta' persuni; (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply; in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv)l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni imsemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq ikunu jinħtieġu li tinħareġ liċenza ta' impieg kif meħtieġ skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(ċ) ikunu gradwati bi grad *Honours* fl-Ekonomija bi klassifikazzjoni *Second Class* bħala minimu. Tingħata preferenza lil gradwati bi speċjalizzazzjoni f'*Environmental Accounting*. Studenti universitarji f'din id-dixxiplina li jistennew li jiggradwaw iktar tard din is-sena jistgħu japplikaw ukoll, iżda l-applikazzjoni tagħhom tiġi kkunsidrata biss kemm-il darba jgħarrfu lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika bil-klassifikazzjoni finali tal-grad (*degree*) tagħhom sal-31 ta' Awissu, 2006.

(c) be in possession of an Honours degree in Economics with second class classification as a minimum. Preference will be given to graduates specializing in Environmental Accounting. University students in this discipline who expect to graduate later this year may apply. However their application will only be considered if they inform the National Statistics Office of their final degree classification by not later than 31st August, 2006.

(d) Ikunu ta' karattru morali tajjeb. Għandu jiġi ppreżentat ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (xhur) qabel id-data ta' din is-sejħa. Impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jistgħu japplikaw iżda jkunu jridu jirreżinjaw jekk jintgħażlu għal din il-pożizzjoni.

(d) Be of good moral character. A recent Police certificate of conduct or of another competent Authority issued not earlier than six (6) months from the date of this call should be presented. Employees serving in the Public Service of Malta may also apply but they must resign their position if chosen for the post of Statistician.

(e) jagħtu prova tal-kompetenza tagħhom fl-użu tal-kompjuter.

(e) Supply proof of their competence in computer use.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office*.

6. Person registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 u tkun ikkupjat lill-KNPD, sad-data ta' l-għeluq.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 and copied to the NCPD, by the closing date.

7. Applikazzjonijiet miktub bl-idejn flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol, kif ukoll kopji ta' ċertifikati u dokumenti oħra għandhom jintbagħtu lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02. Ċertifikati u dokumenti oħra oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

7. Handwritten applications together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and work experience, together with copies of certificates and testimonials should be sent to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02. Original certificates and testimonials should be produced for verification during the interview.

8. Il-persuna li tinħatar fil-post ta' Statistiku tista' tkun meħtieġa ssegwi studju u/jew taħriġ f'Malta jew barra minn Malta. Min jintbagħat barra minn Malta jkun marbut bir-regoli u regolamenti ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

8. The person appointed to the position of Statistician may be required to follow courses and/or training locally or abroad. The appointee proceeding abroad will be bound by the rules and regulations of the Malta Statistics Authority.

9. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla sabiex jiġi stabbilit kemm ikunu adatti għal dan il-post.

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to establish whether they are suitable for this post.

10. L-applikant magħżul ikun irid joqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li jkun adatt għal dan il-post.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain his/her fitness for the post.

11. Applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa 18 ta' Awissu 2006.

11. Applications will be received in the first instance by the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday 18 August 2006.

12. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz tal-posta, fax jew *e-mail* sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji rikjesti kollha. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika huwa (+356) 2599 7103 u l-indirizz ta' l-e-mail huwa nso@gov.mt

12. Applications received from abroad by post, fax or e-mail by the closing date may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the National Statistics Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The National Statistics Office fax number is (+356) 2599 7103 and e-mail address nso@gov.mt

13. Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għal kull applikazzjoni li titwassal personalment.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office and a receipt will be given at the time of delivery.

14. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu mhux aktar tard mid-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fi żmien sebat (7) ijiem.

14. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, National Statistics Office within seven (7) days.

Nru. tal-Permess ta' l-ETC 112/2006

ETC Permit No. 112/2006

It-28 ta' Lulju, 2006

28th July, 2006

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Fakultà ta' l-Inġinerija

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Postgraduate Training Grant

L-Università qed toffri *Postgraduate Training Grant* fil-qasam tal-*Modelling of High Air Temperature Combustion*. Min jinħatar ikun mistenni li jmexxi riċerka fuq bażi *full-time* fil-Fakultà ta' l-Inġinerija u kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-*grant* ikun offrut għall-bidu għal perjodu ta' sena, suġġett għall-progress pożittiv. Min jinħatar jingħata opportunità li jagħmel grad fl-M.Phil fil-oqsma msemmija ta' l-istudji.

2. L-applikanti jrid ikollhom grad tajjeb fl-Inġinerija Mekkanika, b'esperjenza ta' *Thermodyanmics, Fluid Dynamics Heat Transfer* u Kimika, u preferibbilment esperjenza fir-riċerka.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' Lm3,600 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, u kopja waħda taċ-ċertifikati lill-

Uffiċċju tar-Riżorzi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 06

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' l-Erbgħa, 9 ta'Awissu 2006.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html jew mingħand Prof. Robert Ghirlando fid-Dipartiment tal-*Manufacturing Engineering*, tel: 2340 2060, email:
robert.ghirlando@eng.um.edu.mt.

It-28 ta' Lulju, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

Faculty of Engineering

Call for Applictions for Postgraduate Training Grant

The University is offering a Postgraduate Training Grant in the area of Modelling of High Air Temperature Combustion. The successful candidate will be required to conduct research on a full-time basis in the Faculty of Engineering and as may be required by the University. The grant will be offered initially for a period of one year subject to sustained positive progress. The candidate will be expected and be given the opportunity to read for an M.Phil degree in the named area of studies.

2.Applicants should have a good first degree in Mechanical Engineering, with knowledge of Thermodynamics, Fluid Dynamics, Heat Transfer and Chemistry and preferably research experience.

3. The post carries a training grant of Lm3,600 per year.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their *curriculum vitae*, one set of copies of their certificates to:

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 06

Applications should be received by noon of Wednesday, 9th August 2006.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.em.edu.mt/hr/index2.html. or from Prof. Robert Ghirlando at the Department of Manufacturing Engineering, tel: 2340 2060, email:
robert.ghirlando@um.edu.mt.

28th July, 2006

UNIVERSITÀ TA' MALTA

(Istitut għall-Enerġija u t-Teknoloġija)

Applikazzjonijiet għall-Post ta' Inġinier/Xjenzat 'Part-Time'

Jinħtieġu żewġ inginiera/xjenzjati *full-time* b'konnessjoni ma' HICON-PV, li huwa proġett tal-FP6 STREP dwar *high concentration photovoltaics for power generation*. Dan il-proġett huwa speċifikament iffinanzjat mill-Università mill-proġett ta' l-UE, li hu maħsub li jiskadi f'Diċembru 2006.

2. L-applikanti għandu jkollhom preferibbilment *first degree* tajjeb fl-inġinerija jew fiżika u esperjenza fix-xogħol tal-kompjuter jew esperjenza ekwivalenti relatata. Il-kandidati għandu jkollhom interess professjonali u esperjenza fil-xogħol tal-kompjuter u *data processing*. Għarfien u esperjenza preċedenti fl-applikazzjoni tal-ġeometrija solari u enerġija solari jkunu kkunsidrati.

3. Min jintgħażel ikun mistenni li jaħdem sa massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Ir-rata fis-siegħa tal-gross massimu jista' jilħaq sa Lm6.75, jiddependi mill-kwalifiki u esperjenza ta' min japplika.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 06

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' l-Erbgħa, 9 ta' Awissu 2006.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/ietmalta

It-28 ta' Lulju, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

(Institute for Energy Technology)

Applications for Part-Time Engineers/Scientists

Two part-time engineers/scientists are required in connection with HICON-PV, an FP6 STREP project on high concentration photovoltaics for power generation. This is specifically funded by the University through this EU project, scheduled to terminate in December 2006.

2. Applicants should preferably have a good first degree in engineering or physics and computing or equivalent related experience. The candidates must have professional interest and experience in computing and data processing. Knowledge and previous experience in solar geometry and solar energy applications may be considered an asset.

3. The successful candidate will be expected to work a maximum of 20 hours per week. The maximum gross hourly rate could reach up to Lm 6.75, depending on the candidates' qualifications and experience.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their *curriculum vitae*, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 06

Applications should be received by noon of Wednesday, 9th August 2006.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/ietmalta

28th July, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Lecturing Staff*
***Casual Substitute Lecturer* fil-Franċiż**

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal-*lecturing staff* fil-Franċiż.

L-applikanti għandu jkollhom lawrja fil-B.Ed. (Hons.) bl-ispeċjalizzazzjoni fil-Franċiż, jew B.A. fil-Franċiż, u possibbilment PGCE.

L-applikant magħżul ikun meħtieġ li jiffirma kuntratt definit *full-time* għal sena, jew inkella tnejn min-nies jew aktar jinġu ingaġġati fuq kuntratt ta' ħinijiet imnaqqsa għal perjodu definit ta' sena.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni mimlija, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, l-14 ta' Awissu, 2006. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu online u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.

(Permess ta' l-ETC 119/2006)

It-28 ta' Lulju, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Lecturing Staff
Casual Substitute Lecturer – French

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for lecturing staff in French.

Applicants should be holders of a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in French, or a B.A. in French and, possibly, a PGCE.

The selected applicant will be required to sign a one-year definite full-time contract. Alternatively, two or more people will be engaged on a reduced hours contract for a definite period of one year.

Prospective candidates are invited to submit the completed application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 14th August 2006, at noon. Late applications will not be considered.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, MCAST, Corradino Hill, Paola are to be addressed to The Human Resourses Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

(ETC Permit 119/2006)

28th July, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Riżultat ta' l-Eżami għall-Post ta' Kok fil-Forzi Armati ta' Malta

Wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tal-Forzi Armati ta' Malta, fl-Uffiċċju tar-*Records*, *Barracks* ta' Ħal Luqa, Ħal Luqa, u fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Lulju, 2006

ARMED FORCES OF MALTA

Result of Examination for the Post of Cook in the Armed Forces of Malta

The result of the interviews for the above mentioned post may be viewed on the notice-board of the Armed Forces of Malta, Records Office, Luqa Barracks, Luqa and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th July, 2006

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Għotja biex Isir Titjib Mogħtija Darba Waħda Biss Għal Faċilitajiet ta' *Childcare*

Il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali qiegħda tniedi din l-iskema li ġejja, li għandha bħala għan l-għoti ta' għajnuna finanzjarja għal faċilitajiet eżistenti li jipprovdu servizzi ta' *childcare*.

1. *Tifsir*

F'din l-Iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx tehtieġ xorta oħra:

"applikant" tfisser persuna responsabbli li tapplika f'isem xi faċilità biex tingħata din l-għotja biex isir titjib, liema għotja tingħata darba waħda biss skond din l-iskema, u tinkludi faċilità li tkun ingħatatilha għotja;

"id-Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali;

"faċilità" tfisser xi fond li jkun id-dar jew xi fond ieħor li jintuża għall-għoti ta' servizzi ta' *childcare* għal tfal taħt it-tliet (3) snin, inklużi stabbilimenti bħalma huma *playschools* u *nurseries*, f'liema każ faċilità li tkun tinsab f'dar tfisser kull fond li jkun id-dar ta' abitazzjoni fejn ikun joqgħod min jipprovdi s-servizz;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-politika soċjali;

"għotja biex isir titjib" tfisser għotja li tingħata darba waħda biss ta' flejjes li l-aktar ilaħħqu sa tmien mitt lira Maltija (Lm800) għal xi faċilità li tkun tinsab f'dar, u li l-aktar ilaħħqu sa tlett elef lira Maltija (Lm 3,000) għal kull faċilità oħra bil-għan li jitjieb il-livell tal-fond u/jew isir titjib tas-servizzi skond l-i*standards* stabbiliti;

"notifika" tfisser l-avviż li jingħata lid-Dipartiment, li l-faċilità tipprovdi servizz regolari ta' *childcare* għal tfal li jkunu għadhom m'għalqux it-tliet (3) snin u li kienet diġà tiffunzjona fit-12 ta' Lulju 2006;

"irreġistrata proviżorjament " tfisser reġistrazzjoni proviżorja mad-Dipartiment;

"servizzi ta' *childcare*" tfisser servizzi provduti, bi ħlas, minn faċilità ta' *childcare* f'post li ma jkunx il-post fejn ikunu joqogħdu dawk it-tfal u minn persuna li ma tkunx il-ġenitur ta' dawk it-tfal u filwaqt li jkun qiegħed jingħata servizz li regolarment jipprovdi għal *childcare*. Dak is-servizz m'għandux ikun limitat għal servizzi ġeneralment imsejħa bħala servizzi ta' *child minding*, ta' *baby sitting* jew ta' *nanny*, u m'għandhomx jinkludu servizzi pprovduti lil tfal f'dak li jkollu x'jaqsam ma' kura u edukazzjoni medika jew psikoloġika;

"servizz regolari ta' *childcare*" tfisser servizz li jkun disponibbli għal ħin ta' mill-inqas ħmistax-il (15) siegħa fil-ġimgħa.

2. *Applikabilità*

(1) Din l-Iskema tapplika għal kull faċilità li:

(i) tkun qiegħda diġà tiffunzjona fit-12 ta' Lulju 2006;

(ii) tkun innotifikat lid-Dipartiment sa l-20 ta' Lulju 2006 li l-faċilità tkun qiegħda tiffunzjona u li tkun diġà qiegħda tipprovdi servizz ta' *childcare*;

(iii) ikollha permess tal-MEPA, meta dan ikun meħtieġ, biex tuża l-fond bħala faċilità għal *Childcare*;

(iv) tipprovdi servizzi għal tfal li jkunu għadhom m'għalqux it-tliet (3) snin;

(v) ma tkunx diġà qiegħda tibbenefika jew tiġi ffinanzjata minn flejjes pubbliċi jew minn flejjes ta' l-Unjoni Ewropea;

(vi) tagħmel ftehim mad-Dipartiment fejn tistabbilixxi kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni proviżorja tal-faċilità, tirregola l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni rilevanti għal titjib, inklużi skedi ta' żmien li jridu jinżammu, u

tistabbilixxi l-parametri u l-mod kif isir il-ħlas ta' l-għotja; u

(vii) tkun reġistrata proviżorjament.

(2) Għall-għanijiet tal-Klawsola 2 (1) (vii), id-Dipartiment jirċievi applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni proviżorja, u sakemm applikazzjoni tkun konformi mal-kundizzjonijiet applikabbli, joħroġ Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni Proviżorju u jniżżel id-dettalji tiegħu f'Reġistru li jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

3. *Mod kif issir Applikazzjoni*

(1) Meta faċilità tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati fi Klawsola 2 (1), din għandu jkollha d-dritt tapplika għal din l-għotja li tingħata darba waħda biss billi tippreżenta applikazzjoni li ssir fuq il-formola stabbilita.

(2) Il-formola ta' applikazzjoni stabbilita, miktuba kif imiss, għandha tiġi ppreżentata lid-Direttur, Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera HMR 18 u għandu jkun fiha kull informazzjoni, dettalji u dokumenti ta' sostenn skond ma jista' jkun meħtieġ f'dik il-formola u skond din l-Iskema.

(3) Għandhom jiġu mehmużin flimkien ma' l-applikazzjonijiet dawn id-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

(i) dikjarazzjoni uffiċjali li ssir mill-faċilità fejn jiġi indikat li l-applikant ikun il-persuna responsabbli għall-faċilità;
(ii) kopja tal-Karta ta' Identità tal-persuna responsabbli;
(iii) kopja ta' pjanta tal-perit tal-fond li jkun qiegħed jintuża u pjanta tal-lokalità fejn dan ikun jinsab;
(iv) kopja tal-permess tal-MEPA, meta dan ikun meħtieġ, maħruġ għall-fond użat bħala faċilità;
(v) kull dokument ieħor li d-Dipartiment jista' jeħtieġ biex ikun jista' jipproċessa l-applikazzjoni.

4. *Validità ta' Applikazzjoni*

(1) Applikazzjoni ma titqiesx li tkun waħda valida kemm-il darba ma tkunx mimlija kif imiss u jkollha mehmuż magħha d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa.

(2) Fl-istess waqt li jkun qiegħed isir l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għal għotja, id-Dipartiment għandu wkoll jipproċessa l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni proviżorja tal-faċilità. L-uffiċjali tad-Dipartiment għandhom iżuru l-faċilità biex jagħmlu l-valutazzjonijiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk skond *standards* stabbiliti:

(i) kull min ikun qiegħed jieħu ħsieb it-tfal ikunx persuna adatta;
(ii) il-fond ikunx, jew jekk ikunx jista' jsir fi żmien qasir, idoneu u sigur għat-tfal;
(iii) ma jkun hemm ebda riskju sinifikanti għat-tfal, u li kull riskju ieħor li jista' jkun hemm ikun jista' jiġi eliminat f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk stabbilit;
(iv) ma jkun hemm ebda reġistrazzjoni sostanzjata jew rapport li juru li jkunu saru lmenti gravi kontra l-faċilità.

(3) Iktar minn hekk, meta d-Dipartiment ikun qiegħed jagħmel il-valutazzjoni tiegħu, dan għandu jqis ukoll jekk:

(i) ikunx hemm xi rbit li jadotta atitudni, metodu u programm ta' attivitajiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' tfal li jkunu għadhom m'għalqux it-tliet (3) snin;
(ii) il-persuna responsabbli tkunx f'pożizzjoni li ttejjeb il-faċilità hekk li din tinġieb konformi ma' livelli stabbiliti skond ħtiġiet u *standards* stipulati;
(iii) ikunx hemm indikazzjonijiet ċari li min jipprovdi s-servizz ikun f'pożizzjoni li jwettaq il-ħtiġiet ta' *childcare*, kif ukoll *standards* stabbiliti.

(4) Id-Dipartiment jirriserva d-dritt li jiċħad applikazzjoni għal għotja meta ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim mal-faċilità minħabba f'li ma jkunux jistgħu jitwettqu l-parametri, kriterji u ħtiġiet stabbiliti għal titjib u reġistrazzjoni proviżorja.

5. *Mod kif isir il-Ħlas*

(1) L-ammont ta' kemm tkun l-għotja biex isir titjib għandu jiġi stabbilit mid-Dipartiment abbażi:
(i) ta' *standards* stabbiliti minn qabel; u
(ii) ta' valutazzjonijiet tal-faċilità li jsiru minn uffiċjali ta' l-istess Dipartiment;
(iii) ta' pjan ta' azzjoni għal titjib imfassal u li jkun hemm qbil dwaru minn min jipprovdi s-servizz; u
(iv) tal-ftehim imsemmi fil-Klawsola 2 (1) (vi).

(2) Kull ħlas definittiv li jsir għall-ispejjeż imġarrba f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi titjib magħmul, għandu jsir wara li tiġi ppreżentata talba, inkluża kull riċevuta tal-VAT, mill-faċilità lid-Dipartiment.

(3) Kull talba għall-ħlas f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi titjib magħmul mill-faċilità, għandha ssir skond il-forma stabbilita u għandha tindika d-dettalji tal-kont tal-bank fejn ikun se jiġi depożitat il-ħlas.

(4) Ma' kull talba għall-ħlas għandhom jinthemżu r-riċevuti tal-VAT relattivi.

(5) Kull ħlas li jsir għar-rigward ta' l-għotja għandu jinħareġ wara li jkun ġie kkonfermat mid-Dipartiment li t-titjib ikun sar kif meħtieġ u skond ma jkun ġie stipulat fil-ftehim magħmul bejn il-faċilità u d-Dipartiment.

6. Implimentazzjoni

